**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

*Kumpilazzjoni Nru. 205/2019*

**Il-Pulizija**
**(Spettur Saviour Baldacchino)**

**-vs-**

**Omissis, u**

**Kane Grima detentur tal-Karta tal-Identita` numru 333095M**

**Illum**: 15 ta' Lulju, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Omissis u Kane Grima u cioe` talli:

Nhar l-01 ta' April 2017, għall-ħabta ta' bejn 20:50hrs ġewwa 72, Triq id-Delu, Mosta:

1. Bil-ħsieb li jikkommettu delitt ta' serq għad-dannu ta' Horace Laudi u/jew persuna/i oħra, wrew dan il-ħsieb b'atti esterni u tghaw bidu għall-ezekuzzjoni tad-delitt billi aċċedew ġewwa l-istess residenza billi sgassaw tieqa ta' barra, u liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta` tagħhom u li kieku seħħ kien jikkwalifika bil-ħin, bil-mezz u bil-valur ta' iżjed minn elfejn, tlett mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u bil-lok skont Artikoli 41 (1)(a), 263(a), 264(1), 269(g), 270, 279(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli għad-detriment ta' Horace Laudi u/jew persuni oħra, fejn l-ammont tal-ħsara ma jiskorrix €1,000.

3. Kissru kundizzjonijiet rispettivi ta' ħelsien mill-arrest mogħtija lilhom mill-Qrati diversament preseduti.

4. Irrendew rwieħhom reċidivisti b'diversi sentenzi tal-Qrati ta' Malta liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jiġu mħassra, mnaqqsa jew mibdula u dan ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Lil Omissis waħdu talli nhar il-15 ta' Frar 2018 u/jew fil-ġranet jew xhur qabel:**

5. Sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita' pubblika u ċioe` l-Pulizija ta' Malta, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taha taghrif falz, bi ksur ta' Artiklu 188(1) ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

6. Għamel falsifikazzjoni jew xjentement għamel użu minn xi dokument falsifikat.

Rat illi waqt l-udjenza mizmuma nhar l-1 t'April, 2019, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba w inghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tieghu, il-Qorti

tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi t-tieni imputazzjoni serviet ta' mezz ai fini ghall-ewwel imputazzjoni.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni tan-natura tar-reati li jinsab akkuzat bihom l-imputat, tal-ammissjoni tieghu liema ammissjoni saret wara l-gheluq tal-kaz tal-prosekuzzjoni, u tal-fedina penali netta tieghu fejn jirrizulta li l-imputat certament mhux *first-time offender* minkejja l-eta` zaghzuha tieghu.

Madanakollu rrizulta wkoll li llum il-gurnata, l-imputat jidher li qed jaghmel hiltu sabiex jinhall mill-passat infelici tieghu; passat li wasslu fuq l-ghatba tal-kriminalita` u dan biex jiffinanzja l-vizzju tad-droga li kien mahkum minnu. Gie kkunsidrat il-*pre-sentencing report* maghmul mill-ufficjal ghall-probation.

Il-Qorti qiset dak li xehdet rapprezentant tal-Caritas; tenut kont tal-progress li ntqal li ghamel l-imputat, tal-isforzi tieghu biex jaqbad it-triq it-tajba w jhalli warajh hajja ta' delinkwenza, mhux ser timponi piena karcerarja izda tqis li ghandha taghmel ordni taht l-Artikolu 7 tal-Att dwar il-Probation fil-massimu tieghu.

Ghal dawn il-motivi, wara li rat l-artikoli 17, 20, 31, 41(1)(a), 49, 261(b)(c)(e)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 269(g), 270, 278(3), 279(a), 280(2), 281, 289, 325(1)(b) u 579(1)(2)(3) tal-Kodici Kriminali, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tpoggih taht **ordni ta' probation ghal tlett (3) snin millum**.

A tenur tal-artikolu 412D tal-Kodici Kriminali, qeghda tpoggi lill-hati taht Ordni ta' Trattament ghal zmien tlett (3) snin sabiex dan ikompli jindirizza bis-shih l-vizzju tad-droga, anke jekk dan ikun jirrikejdi interventi minn professjonisti ohra.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza kif ukoll jekk ma jsegwix id-direttivi li se jinghatawlu fil-perjodu ta' supervizjoni.

Inoltre`, wara li rat l-artikolu 532A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-hati jhallas lil Horace Laudi is-somma ta' €800 rapprezentati hsarat, fi zmien sitt xhur millum.[1]

Din  l-ordni ghandha l-istess forza u effett u hija ezegwibbli bl-istess mod daqslikieku inghatat f'kawża ċivili bejn l-imputat u Laudi.

Finalment u bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tordna lill-hati jhallas l-ammont ta' **€349.55** rapprezentanti nofs l-ispejjez peritali.

Il-Qorti tordna li kopja ta' dina is-sentenza ghandha tintbaghat lid-Direttur tal-Probation u Parole skond il-ligi.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law).**
**MAGISTRAT**

[1] Vide xhieda Horace Laudi a fol. 71